MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 189/2008

**Silvander Gerada**

**vs**

**Ivan Curmi**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat sabiex jersaq ghall-hlas tas-somma ta' tmien t'elef tliet mija hamsa u tmenin Ewro (€8385) ekwivalenti ghal cirka tliet elef u sitt mitt lira Maltin Lm3600, bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu u sa llum mhux imhallsa, liema merkanzija kienet parti minn negozju akbar li kien jinvolvi t-

trasferiment tal-kirja tal-hanut “Edith Stationery”, 44, Triq Carini, Santa Venera, flimkien ma l-imghax mid-data tat-trasferiment tan-negozju.

Bl-ispejjez kollha kontra tieghu inkluz tal-ittra ufficjali datata 10 ta’ Mejju, 2006, u tal-mandat ta’ sekwestru Nru 1007/08. Minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ivan Curmi fejn eccepixxa li:

1. Illi t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma huwa dovut l-ebda ammont mill-eccipjenti fil-konfront tal-attur, u kwalsiasi ammont dovut lill-attur gie mhallas a saldu.
2. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talba tal-attur hija fi kwalunkwe kaz, infondata fil-fatt u fid-dritt.
3. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-konvenut ha l-kirja li l-attur kellu ta' hanut, li kien stationery u bazaar, u l-partijiet ftiehmu li l-konvenut jixtri l-istokk tal-oggetti li l-attur kellu fil-hanut bi skont ta' erbghin fil-mija 40%.
2. Skont ix-xhieda taz-zewg kontendenti, huma ghamlu stock taking tal-affarijiet li kien hemm bil-miktub.[1] (Kif ser jigi osservat aktar tard, il-konvenut ta verzjonijiet ohra ta' kif sar dan l-istock taking, imma mill-assjem tal-provi, fl-opinjoni tal-Qorti gie pruvat li l-kontendenti ghamlu l-ewwel stock taking flimkien).
3. Minn dan l-istocktaking, irrizulta li kien hemm b'kemm jiswew LM9393.49 affarijiet fil-hanut. Jekk wiehed inaqqas l-iskont miftiehem ta' 40%, jigi li l-konvenut kellu jhallas LM5636.09, tal-istock. Pero ma saret l-ebda skrittura privata bejn il-partijiet.
4. L-attur ta lill-konvenut l-opportunita li jhallas bin-nifs, minghajr interessi u l-konvenut beda jhallas ammont kull xahar. Skont l-attur, il-konvenut kien ihallsu LM160 fix-xahar, waqt li skont il-konvenut, hu kien ihallas lill-attur LM150 fix-xahar.
5. Wara li l-konvenut kien ghamel diversi pagamenti lill-attur, u kien diga fetah il-hanut, il-konvenut ghamel stocktaking iehor minghajr ma involva lill-attur.
6. F'dan it-tieni stocktaking, il-konvenut ma qabilx mal-valur tal-oggetti raggunt fl-ewwel stocktaking. Skont il-konvenut, il-vera valur tal-istokk li kien ha minghand il-konvenut kien ta' LM4867.90, li minnu ried jitnaqqas l-iskont ta' 40%. Allura skont il-konvenut, l-ammont dovut lill-attur kien ta' LM2920.74.
7. Ovvjament, l-attur ma qabilx mat-tieni stocktaking maghmul mill-konvenut.
8. Inoltre, il-partijiet ma qablux dwar kemm flus l-attur kien ta lill-attur. L-attur qal li l-konvenut kien ghamel hdax (11)-il pagament ta' LM160-il wiehed, u ghalhekk kien hallsu fit-total LM1760, u iktar tard kien tah pagament iehor ta' LM160.[2] Ghalhekk skont l-attur, il-konvenut kien hallsu LM1920.
9. Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu, il-konvenut qal li kien hallas LM2550 lill-attur.[3]
10. Il-konvenut beda jinsisti li huwa kien hallas dak kollu minnu dovut lill-attur – u fil-fatt din hija l-ewwel eccezzjoni tieghu – u ghalhekk l-attur istitwixxa dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

[1] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 61 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-attur a fol. 18-19 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 15 tal-process.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tiddeplora l-fatt li z-zewg partijiet ghamlu din it-transazzjoni b’mod tassew infantili, minghajr l-ebda skrittura privata, u minghajr ma l-ebda parti zammet rendikont kif suppost tal-pagamenti li kienu qed isiru, ghax kieku l-partijiet ghamlu l-affarijiet kif kienet titlob il-professjonalita f’dan il-qasam, probabbilment ma kienx ikun hemm ghalfejn jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Il-pern ta’ din il-vertenza hija liema versjoni hija l-aktar kredibbli: hix dik tal-attur jew dik tal-konvenut.

Il-Qorti, wara li wieznet ix-xhieda moghtija mill-kontendenti – ghaliex huma kienu l-unici zewg xhieda, waslet ghal konkluzjoni li l-versjoni tal-fatti moghtija mill-attur hija aktar kredibbli ghax huwa baqa’ dejjem konsistenti fix-xhieda tieghu.

Min-naha l-ohra, ix-xhieda tal-konvenut fiha s-segwenti inkonsistenzi:

1. L-ewwel darba li xehed, il-konvenut qal li huwa kellu jaghti lill-attur is-somma ta’ Lm4,867.90 – li huwa l-valur tat-tieni stocktaking li ghamel hu unilateralment – li minnhom ried jitnaqqas l-iskont ta’ 40% pattwit bejn il-kontendenti.[4] Ghalhekk, skont il-konvenut l-ammont li huwa kellu jaghti lill-attur kien Lm2920.74 (60% ta’ Lm4,867.90). Huwa xehed ukoll li kien hallas lill-attur Lm2550.[5] Min din ix-xhieda, huwa ovvju li skont il-kalkoli tal-konvenut stess, huwa ma hallasx kollox lill-attur, imma kien fadallu jtih id-differenza bejn Lm2920.74 u Lm2550, u cioe Lm370.74. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut seta’ jeccepixxi fl-ewwel lok li hu ma kellu jaghti xejn lill-attur.

2. Iktar tard waqt il-kawza, il-konvenut xehed li hu kien ghamel iktar minn hdax (11)-il pagament kif allega l-attur, u li kien ghamel xi tmintax (18) jew dstatax (19) il-pagament. Huwa xehed li ma jiftakarx kemm hallas bhala total.[6] Dan huwa ovvjament in konflitt mal-ewwel versjoni tieghu fejn qal li hallas lill-attur Lm2550. In kontro-ezami huwa qal li l-

[4] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 14 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 15 tal-process.
[6] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 60 tal-process.

ammont ta’ Lm2550, kien jirrapprezenta 60% tal-valur tal-istock wara li tnehhi l-iskont ta’ 40%. Pero iktar tard huwa ammetta li 60% ta’ Lm4867 ma jammantawx ghal Lm2550, u ghalhekk fadallu bilanc x’jaghti lill-attur.[7] Fil-fatt huwa ammetta li kellu jaghti lill-attur is-somma ta’ Lm370.[8] Pero, fid-dokument li ipprezenta tat-13 ta’ Gunju 2012,[9] il-konvenut jghid hekk: *“Also Mr. Gerada is claiming that I paid him for 11 months, while I claim that I paid him for 17 months. These were always in cash except for once which unfortunately it bounced. Thus I paid LM 150 *6 = **LM900**”*.[10] Din il-Qorti ma tarax x’sens taghmel din il-kalkulazzjoni, apparti li ovvjament tikkonfliggi max-xhieda precedenti tal-konvenut.

3. Fl-ewwel xhieda tieghu, il-konvenut jghid li l-istocktaking sar minn terza persuna, u li hu u l-attur *“*aggustaw il-prezzijiet.*”*[11] Iktar tard waqt il-kawza, hu xehed li huwa kien qabel mal-ewwel stocktaking fil-kwantitajiet, pero mhux fil-valur tal-oggetti.[12] F’seduta sussegwenti, il-konvenut xehed li meta sar l-ewwel stocktaking hu kien prezenti, pero ma ghamlux hu, izda sar minn persuna li kellha tiehu l-hanut qablu u li meta gie involut hu, l-attur kien ghamel xi tibdiliet fih.[13] Fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 2012, il-konvenut ezebixxa dokument li fih juri fejn ma qabilx ma l-ewwel stocktaking li sar.[14] Minkejja x-xhieda precedenti tal-konvenut li hu kien qabel mal-kwantitajiet, f’dan id-dokument hemm imnizzla oggetti fejn il-konvenut jghid li ma qabilx mal-kwantitajiet fl-ewwel stocktaking.[15] Inoltre, f’dan id-dokument, il-konvenut jikkonkludi li l-valur tal-istokk li huwa ha minghand l-attur huwa ta’ €3892.63, li minnu irid jitnaqqas l-iskont ta’ 40% u ghalhekk l-ammont minnu dovut lill-attur huwa ta’ Lm2335.58.[16] Il-kontegg f’dan id-dokument, lanqas jaqbel mal-kontegg li l-konvenut stess kien ghamel fit-tieni stocktaking tieghu, li kif intqal iktar il-fuq kien ta’ Lm4,867.90 u li 60% tieghu jammonta ghal Lm2920.74.

Fid-dawl ta’ dawn l-inkonsistenzi kollha, il-versjoni, jew ahjar versjonijiet tal-konvenut m’humiex attendibbli, u fl-opinjoni tal-Qorti, l-attur irnexxielu jipprova l-pretensjoni tieghu sal-grad rikjest fil-kamp civili.

---

[7] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 61 tal-process.
[8] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 72 tal-process.
[9] A fol. 80 tal-process.
[10] Ara fol. 92 tal-process.
[11] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 14 tal-process.
[12] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 61 tal-process.
[13] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 75 tal-process.
[14] Ara fol. 80 tal-process.
[15] Ara fol. 91 tal-process.
[16] Ara fol. 92 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur somma ta' tmint'elef tliet mija hamsa u tmenin Ewro (€8385) - ekwivalenti ghal cirka tliet elef u sitt mitt lira Maltin Lm3600, flimkien ma l-imghax mid-data tat-trasferiment tan-negozju fuq imsemmi.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Mejju, 2006, u tal-mandat ta' sekwestru numru 1007/08 ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------